# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 178/2020 JVC**

**Olive Gardens Investments Limited**

**vs**

**Avukat tal-Istat u Annetto Farrugia ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta` rikorrenti Olive Gardens Investments Limited ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi b'att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Mario Bugeja fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), ir-rikorrenti xtrat u akkwistat il-porzjoni diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka tmint elef erba' mija u tletin metri kwadri (8,430 m.k.) li tinsab fil-limiti ta' bejn in-Nigret u Bubaqra, fiż-Żurrieq, u hija msejjħa "tad-Dokkara", aċċessibbli minn Triq Zaccaria Roncali u minn numru ta' toroq oħra bla isem, u liema art tikkonfina mil-lvant ma' sqaq bla isem li jaċċedi għal Triq it-Torri, mit-tramuntana ma' beni ta' Gaetano Zammit jew *aventi causa* minnu, u mill-punent ma' beni tal-familja Schembri, u liema art (li minn issa 'l quddiem se tissejjaħ biss bħala "l-Immobbli'"), kif aħjar deskritta fl-att pubbliku preċitat.

2. Illi billi kien hemm tilwima fir-rigward ta' min tassew kellu t-titolu ta' proprjetarju fuq l-Immobbli, ir-rikorrenti istitwiet kawża permezz taċ-ċitazzjoni bin-numru erba' mija u tmintax tas-sena elfejn u ħamsa (418/2005), li ġiet deċiża finalment b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-wieħed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet "Olive Gardens Investments Limited vs. Salvu Farrugia et", fejn fost ħwejjeġ oħra ġiet milqugħa l-ewwel talba tar-rikorrenti "*... limitatament fis-sens li minflok ma tiddikjara li l-porzjon diviża ta' art li xtrat is-soċjeta` attriċi permezz tal-kuntratt tat-22 ta' Novembru 2003 ippubblikat min-Nutar Mario Bugeja (Dok X) hija dik indikata bl-aħdar fuq is-site plan (Dok B) u l-pjanta (Dok A) annessi mal-istess kuntratt, tiddikjara invece li huwa l-porzjon diviż ta' art kif indikata bl-aħmar fuq is-site plan a fol. 165 (li huwa wkoll il-porzjon indikat "RED" fuq il-pjanta Dok Appell 17 a fol. 149 ħlief dik il-parti shaded bil-blu) li tappartjeni lis-soċjeta` attriċi permezz ta' dan il-kuntratt, u li l-konvenuti għandhom biss titolu ta' qbiela fuqha*".

3. Illi l-konvenuti f'dik il-kawża talbu ir-ritrattazzjoni tas-sentenza ċitata fil-paragrafu preċedenti, liema talba ġiet miċħuda b'sentenza oħra ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016).

4. Illi r-rikorrenti u l-konvenuti aħwa Farrugia f'dik il-kawża, kif ukoll kumpannija oħra affiljata mar-rikorrenti u jisimha Munqar Limited li wkoll kellha kwistjonijiet ma' l-istess aħwa Farruga, permezz ta' kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), ittranżiġew id-diversi kawżi u tilwimiet ta' bejniethom skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt preċitat.

5. Illi fost id-diversi pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt ta' tranżazzjoni, ġie saħansitra pattwit illi:

   I. Il-komparenti l-Familja Farrugia qiegħdin jiddikjaraw, jaċċettaw u jirrikonoxxu illi huma ma għandhom ebda dritt jew pretensjoni fuq l-Immobbli, u li l-Immobbli jappartjeni esklussivament u unikament lil OGI. Il-komparenti l-Familja Farrugia qiegħdin ukoll jirrinunzjaw, jirtiraw u jabdikaw minn kull dritt ta' pussess jew detenzjoni fuq l-Immobbli, u qiegħdin jaċċettaw, jiddikjaraw u jirrikonoxxu li m'għandhom l-ebda dritt u jedd li jżommu l-pussess jew detenzjoni ta' l-Immobbli.

   *Omissis*

   III. Il-komparenti l-Familja Farrugia qiegħdin jirrinunzjaw, jirtiraw u jabdikaw minn kull dritt u pretensjoni li jressqu kwalsiasi proċeduri, kemm quddiem il-

qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja u kemm quddiem dawk ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, sabiex jimpunjaw is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-wieħed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet "Olive Gardens Investments Limited vs. Salvu Farrugia et", u/jew is-sentenza fl-istess ismijiet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Il-komparenti il-Familja Farrugia qiegħdin għalhekk jaċċettaw, jirrikonoxxu u jiddikjaraw li s-sentenzi msemmija f'dan il-paragrafi huma validi, definittivi u insindakabbli.

*Omissis*

XIV. Salv għal dak miftiehem f'dana l-att, il-komparenti Familja Farrugia qiegħdin jiddikjaraw illi m'għandhom ebda pretensjoni fil-konfront tal-komparenti l-oħra OGI u Munqar, u għalhekk qiegħdin jirrinunzjaw b'mod definittiv u rrevokabbli għal kull pretensjoni vantata qabel illum, jew li setgħet tiġi vantata qabel illum, kontra l-imsemmija komparenti l-oħra, u qed jagħtu lill-istess komparenti l-oħra kwittanza assoluta u rrevokabbli.

6. Illi minkejja l-premess kollu, Annetto Farrugia, wieħed mill-imsemmija aħwa Farrugia, ressaq rikors bin-numru ħamsa u sittin tas-sena elfejn u sbatax (65/2017) quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha fl-ismijiet "Annetto Farrugia vs. Avukat Ġenerali", permezz ta' liema rikors, fost ħwejjeġ oħra, l-imsemmi Annetto Farrugia qiegħed jimpunja s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-wieħed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet "Olive Gardens Investments

Limited vs. Salvu Farrugia et", in segwitu għaċ-ċitazzjoni bin-numru erba' mija u tmintax tas-sena elfejn u ħamsa (418/2005).

7. Illi dan ir-rikors kostituzzjonali istitwiet mill-imsemmi Annetto Farrugia jikkostitwixxi abbuż manifest u lampanti tal-proċedura ġudizzjarja, mhux biss minħabba l-fatti kollha fuq premessi, u mhux biss minħabba li huwa bażat fuq premessi ħżiena u addirittura foloz, iżda wkoll minħabba l-mod kif l-istess Annetto Farrugia qiegħed jikkonduċi l-każ quddiem dina l-Onorabbli Qorti, billi fost ħwejjeġ oħra jressaq eċċezzjonijiet ta' rikuża għal darbtejn, biex jiġu miċħuda darbtejn; iressaq kawża kostituzzjonali oħra biex jilmenta miċ-ċaħda ta' l-eċċezzjoni ta' rikuża; jitlob li jsir aċċess fl-Immobbli meta dan assolutament mhux rilevanti għall-meritu tar-rikors kostituzzjonali tiegħu; kif ukoll jitlob li addirittura ssir riferenza preliminari lill-Qorti Ewropea. Fi ftit kliem, Annetto Farrugia qed jagħmel minn kollox, u qed jitħalla jagħmel minn kollox, sabiex il-kawża istitwita minnu ma timxiex, u kemm hu hekk, wara tlett snin, il-kawża in kwistjoni għadha differita għall-provi ta' Annetto Farrugia fuq l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji.

8. Illi min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti, wara li ġiet imsejħa fil-kawża istitwita minn Annetto Farrugia, talbet li dik il-kawża tinstemgħa b'urġenza, billi r-rikorrenti kienet qed issoffri danni u ħsarat minħabba l-fatt illi hija, biex taġixxi *in buona fede* ma' dawk it-terzi li magħhom kienet vinkolata b'diversi konvenji sabiex tbiegħ partijiet mill-Immobbli, infurmathom bl-eżistenza ta' din il-proċedura, bil-konsegwenza li kellhom jiġu rexxissi numru ta' konvenji, b'telf ta' miljuni ta' Ewro fi prezzijiet mhux imħallsa, kif ukoll f'rifużjonijiet dovuti, filwaqt li numru oħrajn ta' konvenji ġew prorogati għal xi żmien. Dan oltre danni

oħrajn konsistenti f'mijiet t'eluf ta' Ewro f'imgħaxijiet dekorsi kontra r-rikorrenti *per diem* fuq il-bilanċ tal-prezz minnha dovut versu l-vendituri tagħha ta' l-art in kwistjoni. Huwa minnu li minkejja li ġew infurmati b'dik il-kawża, kien hemm xerrejja li għażlu li jipproċedu komunkwe bil-bejgħ, bil-konsegwenza però li llum il-ġurnata, dawk ix-xerrejja li qed jippruvaw ibiegħu lil terzi mhux jirnexxielhom, għaliex il-banek ma jridux jagħtu faċilitajiet bankarji minħabba l-kawża mressqa minn Annetto Farrugia bl-aktar mod abbużiv.

9. Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex il-kawża bin-numru 65/2017 AF tiġi mismugħa u deċiża b'urġenza ġiet miċħuda b'dikriet mogħti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha fit-2 ta' Lulju, 2018.

10. Illi r-rikorrenti appellat minn dan id-dikriet lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, li b'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2019, ċaħdet l-appell wara li qieset illi "*Ġaladarba, kif għadu kif ġie spjegat, l-Ewwel Qorti hija diġa` marbuta li tisma' l-kawża b'kull ħeffa possibbli kif saħansitra definita mil-liġi, huwa superfluwu li jintalab is-smiegħ bl-urġenza*".

11. Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, in kwantu hija qed tiġi mċaħħda mill-jedd tagħha li jkollha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ċivili tagħha definiti u determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali fi żmien raġjonevoli, skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan mhux biss għaliex il-kwistjoni dwar min huwa sid ta' l-Immobbli għadha tiġi litigata fil-qrati minkejja li l-proċeduri ilhom li bdew ħmistax-il sena sħaħ; mhux biss għaliex il-kwistjoni għadha qed tiġi litigata minkejja li ġjà ingħataw numru ta' deċiżjonijiet suppost finali u sar

addirittura kuntratt ta' tranżazzjoni; imma wkoll għaliex Annetto Farrugia qed jitħalla jikkonduċi l-litigazzjoni abbużiva istitwita minnu b'mod kompletament abbużiv, bil-konsegwenza li qed jiġi permess u mħolli lilu jikkontrolla l-andament tal-kawża u b'hekk itawwal il-proċeduri kemm irid, sabiex jikkaġuna ħsara massima lir-rikorrenti.

12. Illi l-fatt ukoll li l-imsemmi Annetto Farrugia qed jitħalla jaġixxi kif premess permezz tal-paragrafi preċedenti jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha, taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kif ukoll jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi qed jiġu leżi u vvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, u mill-artikoli 6, 13 u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

(ii) tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha li lilha jidhrulha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti tieqaf u ma tibqax tiġi perpetwata, u kif ukoll sabiex l-istess ksur ta' drittijiet fondamentali jiġi rimedjat u riparat, occorrendo nkluż billi tillikwida kumpens għall-ħsara pekunjarja kif ukoll għall-ħsara morali mġarrba mir-rikorrenti, u tordna lill-intimati jew lil min minnhom iħallsu dak il-kumpens kif likwidat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Annetto Farrugia li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti ressqu zewg talbiet:

> "(1) tiddikjara u tiddeciedi illi qed jigu lezi u vvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, u mill-artikoli 6, 13 u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.
>
> "(2) taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li lilha jidhrilha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti tieqaf u ma tibqax tigi perpetwata, u kif ukoll sabiex l-istess ksur ta' drittijiet fundamentali jigi rimedjat u riparat, occorrendo inkluz billi tillikwida kumpens ghall-hsara pekunjarja kif ukoll ghall-hsara morali mgarrba mir-rikorrenti, u tordna lill-intimati jew lil min minnhom ihallsu dak il-kumpens kif likwidat."

2. **B'dawn it-talbiet gudizzjarji, is-socjeta` rikorrenti Olive Gardens Investments Limited qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tintrometti ruhha u tinterferixxi f'kawza ghaddejja, u li tirregola hi (u mhux dik il-Qorti) l-andament ta' *<u>dik</u>* il-kawza permezz ta' *<u>din</u>* il-kawza. Dan bi speci ta' *remote control* fuq l-andament tal-kawza l-ohra. Ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda.**

3. Preliminarjament, l-esponent ma jiddecidix l-andament tal-kawza hu, u ghalhekk ma jistax jivvjola l-jeddijiet fundamentali

tal-kumpannija. L-istituzzjonijiet u l-organi tal-Istat biss jistghu jinzammu responsabbli ghal ksur tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll l-agenti tal-Istat. Ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra Olive Gardens Investments Limited, stante li gie mharrek inutilment, eccetto li hu kien parti fil-kawza 65/2017. Inoltre, huwa ma jistax jipprovdi rimedju jew riparazzjoni ghaliex huwa ma jirrapprezentax lill-Istat. Inoltre, huwa ma jistax jigi kkundannat ihallas kumpens flimkien ma', jew minflok, l-Istat. Ghalhekk, ladarba mhux transgressur u wisq inqas il-provvditur ta' rimedju jew riparazzjoni, l-esponent ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju u l-ispejjez gudizzjarji ghandha tbatihom is-socjeta` rikorrenti, li harrket lilu inutilment.

4. Fil-korp tar-rikors promotur jissemmew diversi kawzi, uhud minnhom gia` decizi, fosthom il-kawza 418/2005 li l-proceduri u z-zewg sentenzi relatati maghha qieghdin jigu impunjati bil-kawza kostituzzjonali 65/2017.

5. Illi meta giet pprezentata l-kawza kostituzzjonali bi Skeda annessa maghha u gie notifikat l-Avukat Generali (illum l-Avukat tal-Istat) **l-Avukat Generali ddikjara illi dawk il-lanjanza fihom allegazzjonijiet serji u jehtieg li jigu investigati mill-Qorti.** Fil-fatt hekk huma, allegazzjonijiet serji dwar irregolaritajiet inawditi.

6. Illi l-grajjiet li sehhew fil-kaz jinsabu *in parte* dokumentati fl-atti tal-kawza kostituzzjonali numru 65/2017, izda mhux kollha. Hemm bosta provi ohra li ghadhom ma tressqux b'rizultat tal-intralc u t-tfixkil perpetrat mir-rikorrenti Olive Gardens Investments Limited stess! Barra minn hekk, <u>minkejja d-dikjarazzjoni genwina inizjali tal-Avukat Generali illi dawk il-lanjanza fihom "allegazzjonijiet serji" u jehtieg li jigu investigati</u>

mill-Qorti, l-Avukat Generali sussegwentement allineja ruhu mas-socjeta` rikorrenti biex ifixkel huwa wkoll lir-rikorrenti. L-atti tal-kawza kostituzzjonali 65/2017 juru dan bl-iktar mod car stante li l-intralc u t-tfixkil huma multipli.

7. Illi kieku l-Avukat Generali (minn issa `l quddiem, l-Avukat tal-Istat) ha linja differenti minn Olive Gardens Investments Limited u baqa' jzomm id-direzzjoni li kien ha fil-bidu tal-proceduri u d-distanza miz-zewg kontendenti l-ohra, ma kienx ikun hemm iz-'ziguzajg' li hemm fil-kawza 65/2017. Issa li Olive Gardens Investments Limited irrealizzat li t-tfixkil u l-intralc da parti taghha, li wkoll ghandu sehem fihom l-Avukat tal-Istat, ma servewx biex jintlahaq l-ghan tal-kumpannija li l-kawza 65/2017 tintemm, thajret hija wkoll li tistitwixxi proceduri kostituzzjonali – bid-differenza illi filwaqt li l-kawza 65/2017 tirreferi ghal *proceduri mitmuma* u sentenzi fil-kawza 418/2005, ir-rikorrenti fil-kawza odjerna qed tipprova tirregola l-andament tal-kawza 65/2017 permezz tal-kawza odjerna 178/2020, b'interferenza skjaccjanti fi *proceduri gudizzjarji ohra li huma pendenti* kif intqal qabel – haga li '*per se*' tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-principju u garanzija kostituzzjoni dwar 'smiegh xieraq'! Allahares jibda jigri hekk. B'danakollu, jekk fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti, is-socjeta` rikorrenti trid illi l-Onorevoli Mhallef Joanne Vella Cuschieri tiehu r-riedni tal-kawza 65/2017 minn idejn l-Onorevoli Mhallef Anna Felice, l-esponent Annetto Farrugia personalment jiddikjara li ma joggezzjonax, wara li qajjem l-eccezzjoni tar-rikuza darbtejn.

8. Wiehed jistaqsi: Kif tista' s-socjeta` rikorrenti titlob ir-rimedji u riparazzjoni msemmija fit-tieni talba meta l-kawza 65/2017 qed tinstema' minn gudikant iehor? X'qed tistenna lil din l-Onorabbli Qorti taghmel jekk mhux li tiehu t-treggija tal-kawza 65/2017 f'idejha biex l-allegata vjolazzjoni "*tieqaf u ma tibqax tigi*

*perpetwata*"? Il-karozzella 65/2017 gia` ghandha kuccier iehor. Xi trid allura is-socjeta` rikorrenti, jekk mhux li taqla' lill-kuccier prezenti biex minn issa `l quddiem jidderigi kuccier differenti? *Tertium non datur*.

9. Illi Olive Gardens Investments Limited tghid li l-kawza 65/2017 hija "*abbuz manifest u lampanti tal-proceduri gudizzjarji*" u tghid li fiha "*premessi ... foloz*". Mhux hekk jghid, izda, l-Avukat tal-Istat ghax ghalih il-kawza fiha "allegazzjonijiet serji" li jimmeritaw li jigu investigati! Naturalment, hemm bosta provi ta' agir illegali migbura fil-kawza 65/2017, u ghad hemm provi ohra li ghad iridu jingiebu f'dik il-kawza. Dan minkejja l-isforzi kollha biex l-esponent jitwaqqaf milli jgibhom kollha fil-berah u ghall-iskrutinju tal-Qorti.

10. Illi Olive Gardens Investments Limited tghid li l-eccezzjoni ta' rikuza f'dik il-kawza tqajmet f'zewg okkazzjonijiet. F'dik il-kawza, pero`, qed isir '*gagging*' tal-esponent mill-intimati billi joggezzjonaw ghal kollox, filwaqt li l-Qorti ppronuncjat ruhha bil-miktub fejn qalet li s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell ma jistghux jigu attakkati. B'hekk hija ma tistax tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza li fiha qeghdin jigu impunjati fuq bazi kostituzzjonali u konvenzjonali l-proceduri fil-kawza 418/2005 u s-sentenzi moghtija f'dik il-kawza. Din hija wahda mir-ragunijiet li ghalihom intalbet ir-rikuza tal-Imhallef. Min-naha l-ohra, izda, is-socjeta` rikorrenti pprezentat zewg appelli biex tipprova twaqqaf il-kawza u ttawwal eccessivament il-proceduri, u fir-rikors promotur tghid li l-esponent ilu tliet (3) snin itawwal il-kawza, meta z-zewg appelli ghamlithom hi f'tentattiv *'in extremis'* biex tipprova taghti gambetta lill-esponent! B'danakollu, ma rnexxilhiex twaqqaf il-kawza kostituzzjonali 65/2017.

11. Illi **l-artikolu 1030 tal-Kodici Civili** jipprovdi: "*Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.*" Annetto Farrugia kien kapaci, minkejja kull xorta ta' oppozizzjoni, igib provi li juru li l-proceduri fil-kawza 418/2005 ghandhom hafna riha ta' maneggi u raggiri. Wiehed ma ghandux jinsa li l-kawza civili 418/2005 kienu hu u hutu li rebhuha fl-ewwel istanza, u ghalhekk hemm hafna x'jindika li kellu ragun. Barra minn hekk, il-pjanta li giet mehmuza mal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta` mill-kumpannija turi li d-dukkara u l-istrutturi l-ohra kienu fuq l-art ta' Olive Gardens Investment Limited u mhux fuq ir-raba tal-esponent. Dan inqaleb meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat is-sostituzzjoni tal-pjanta li kien hemm mal-kuntratt, u issa hemm pjanta differenti li giet prezentata mill-kumpannija. Ghalhekk, l-eccipjent Annetto Farrugia qieghed jaghmel uzu minn jedd tieghu u qed jikkonsegwih u jezercitah fil-jedd li jmiss u li hu mehtieg ghall-harsien tad-drittijiet tieghu.

12. B'liema kriterju, il-kumpannija qed tghid li "*Annetto Farrugia qed jaghmel min kollox, u qed jithalla jaghmel minn kollox*", l-esponent ma jistax jifhem, peress li kien l-esponent li qajjem l-eccezzjoni ta' rikuza filwaqt li l-kumpannija kienet sodisfatta! Imma bhas-soltu, Olive Gardens Investments Limited taqleb kollox biex twahhal f'haddiehor. Fuq kollox, qed tallega li dan "*sabiex il-kawza istitwita minnu ma timxix*", li hija xi haga bla sens.

13. Zgur mhux htija tal-esponent jekk "*it-talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza bin-numru 65/2017AF tigi mismugha u deciza b'urgenza giet michuda*", peress li l-esponent inhanaq jitlob bil-hniena biex jithalla jressaq il-provi kollha fil-meritu biex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi. Izda l-kumpannija qed taghmel ostruzzjonizmu kontinwu, u l-Avukat tal-Istat ha sehem ukoll

f'dan, kif jirrizulta mill-atti u mis-sottomissjonijiet li saru minnu a detriment tal-kxif tal-fatti veri li sehhew. Tali 'fatti veri' dejjem ibatu biex johorgu fil-berah ghax dejjem ikun hemm min ikun irid jostorhom, izda fl-ahhar johorgu fil-berah invarjabbilment.

14. Il-kumpannija qed tilmenta wkoll illi l-esponent talab li ssir riferenza preliminari lill-Qorti Ewropeja, precizament lill-"*Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja*". Malta tgawdi wiehed mill-ahhar postijiet fil-gradwatorja ta' Stati Membri li adixxew lis-CJEU u qed tigi bbombardjata fuq hekk. Ma kellux id-dritt l-esponent illi jitlob li ssir Riferenza Preliminari fuq interpretazzjoni tal-principji tad-dritt komunitarju li jghoddu ghall-kawza tieghu?

15. Il-kumpannija ssemmi minghajr misthija illi l-kawza tinsab "*differita ghall-provi ta' Annetto Farrugia fuq l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji*". Il-kawza 65/2017 kienet diga` waslet fl-istadju tas-smiegh tal-provi, izda xi had irnexxielu jaghmel 'playback' u jiehu l-kawza lura ghall-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari, li kien ilu sorpassat bis-smiegh tal-provi fil-meritu. Din kienet wahda mir-ragunijiet ghala ntalbet ir-rikuza tal-Imhallef.

16. Illi jekk il-banek ma jridux jaghtu facilitajiet bankarji lil xi whud minn dawk li ssograw u xtraw plots mill-proprjeta` li, bis-sewwa, tappartjeni lill-esponent u lil hutu, sinjal illi l-banek, li ghandhom bosta *inhouse lawyers jaghtuhom pariri validi*, hassew illi l-kwistjoni tinten. Kieku kollox kien qieghed sewwa, il-banek jiffinanzjaw lix-xerrejja fuq bazi giornaljera u jaghmlu hafna qliegh minn hekk. Bilfors hassew li din il-proprejta` ittiehdet lil haddiehor b'rizultat ta' qerq u ma jridux imissu maghha.

17. Il-kawza kostituzzjonali 65/2017 haga wahda biss tehtieg, u cioe` li tithalla timxi `l quddiem minghajr ostruzzjonizmu bil-ghan li l-esponent ikun jista' jressaq il-provi fuq id-diversi fronti fejn sar l-ingann. Jekk jithalla jaghmel dan il-kawza timxi minghajr 'ziguzajg' li ssemma qabel. L-azzjoni impunjattiva tal-proceduri 418/2005 hija jedd fondamentali tal-esponent.

18. A skans ta' kull ekwivoku, b'riferenza ghal dak li jinghad fil-paragrafu 11 tar-rikors promotur, jinghad illi l-proceduri mitmuma tal-kawza 418/2005 huma suggetti ghal azzjoni kostituzzjonali impunjattiva, u li sittax (16) il-mandat mahruga minn Olive Gardens Investments Limited kontra l-ahwa Farrugia, bil-marixxalli jmorrulhom ghall-habta tas-7.30 ta' filghodu f'numru ta' okkazzjonijiet konsekuttivi jnizzlu kull oggetti li ghandhom fid-djar privati taghhom u jghidulhom li se jittehdilhom kollox (ara t-traskrizzjoni tax-xhieda annessa mmarkata Dok. "H1" u "H2", ma kienux bizzejjed biex izommu lill-esponent milli jikkontesta l-operat illegali kollu tas-socjeta` Olive Gardens Investments Limited. Lanqas il-firma li gie mgieghel jaghmel fuq l-att ta' transazzjoni ma hi ta' xkiel biex tohrog il-verita` kollha.

19. Kif, minghajr misthijja, l-kumpannija tallega falzament illi l-esponent "*qed jigi permess u mholli lilu jikkontrolla l-andament tal-kawza u b'hekk itawwal il-proceduri kemm irid*", hija biss taf.

20. Illi rigward it-tieni talba gudizzjarja ta' Olive Gardens Investments Limited, ghalkemm kumpannija ghandha jeddijiet fundamentali, zgur li ma tistax tbati ansjeta`, u ghalhekk zgur li ma tistax tippretendi l-hlas lilha ta' kumpens non-pekunjarju ghal allegata "hsara morali".

21. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ma jezisti l-ebda dritt fondamentali li jiggustifika interferenza fi proceduri li hemm pendenti quddiem Qorti ohra. Inoltre, ma jezisti l-ebda dritt fondamentali li jiggustifika li Qorti tordna t-twaqqif ta' kawza ohra li tkun qed tinstema' minn Imhallef iehor. Dak li hu garantit huwa d-dritt ghal smiegh xieraq, u dan jappartjeni mhux biss lis-socjeta` rikorrenti izda wkoll lill-esponent fil-konfront tal-kawza kostituzzjonali 65/2017. Jekk is-socjeta` rikorrenti trid taghmel kemxa flus minhabba li l-kawza 65/2017 ma gietx fi tmiemha mill-ewwel kif tant tixtieq is-socjeta` rikorrenti biex ma jitnehhewx ghotien, allura din mhix gustifikazzjoni ghall-indhil f'kawza quddiem gudikant iehor kif qed jintalab mis-socjeta` rikorrenti. Dan ikun jammonta tassew ghal abbuz tal-process gudizzjarju u ma ghandux jithalla jsir.

22. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni rigward id-dritt ghal proprjeta`, is-socjeta` rikorrenti ma tistax tivvanta li hija proprjetarja tar-raba in kwistjoni dment li hemm ghaddejja kontra taghha azzjoni kostituzzjonali impunjattiva, li fiha qeghdin jitressqu provi ferm inkwjetanti dwar inkwinament fil-kawza 418/2005. B'danakollu, l-esponent ma talab il-hrug ta' l-ebda mandat ta' inibizzjoni jew mizura provvizorja (interim measure) kontra s-socjeta` rikorrenti fl-ebda stadju tal-proceduri, li jfisser li mhu qed jimpediha li tibni l-ebda benefikati fuq l-art tieghu u ta' hutu – biss qieghda taghmel dan a riskju taghha ghax jekk l-azzjoni impunjattiva tirnexxi, allura l-kumpannija jkollha tirrilaxxja l-proprjeta` li giet mehuda lill-esponent u hutu b'mezzi illeciti u illegali, bil-benefikati mibnija fuqha. Is-socjeta` rikorrenti qed tipprova tilmenta dwar vjolazzjoni, meta fil-fatt ma sofriet l-ebda tehid ta' proprjeta`, u

anzi, ghall-kuntrarju, hija hadet il-proprjeta` li tappartjeni lill-esponent u lil hutu, kif jafu r-residenti taz-Zurrieq kollu.

23. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, is-socjeta` rikorrenti ghandha rimedju ovvju, u cioe` li thalli l-kawza 65/2017 tiehu l-kors taghha, minghajr oggezzjonijiet eccessivi u minghajr ma tintralcja l-proceduri. Fil-fatt, is-socjeta` rikorrenti diga` pprezentat zewg appelli biex tipprova twaqqaf il-kawza. Ghalhekk, ir-raguni li hija qed tfittex bil-lenti ghal xi taparsi 'rimedju' gejja mill-fatt li ragunijiet validi fil-ligi biex ittemm darba ghal dejjem il-kawza 65/2017 ma ghandhiex u mhux ser ikollha.

24. Lanqas il-Kummssjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ma ffunzjonat sew meta l-esponent minn jeddu ressaq ilment quddiemha ghax minghajr biss ma l-ilment ntbaghat lill-Imhallef, l-esponent gie nfurmat li l-Kummissjoni ma sabet xejn. Tassew li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ma sabet xejn ghax ma fittxet xejn, kif jirrizulta mit-twegiba ta' zewg linji.

25. Jekk is-socjeta` rikorrenti, tassew sfaccatament, qieghda twahhal fl-Onorevoli Mhallef li qed tisma' l-kawza 65/2017 li qieghda tippermetti lill-esponent "*jikkontrolla l-andament tal-kawza u b'hekk itawwal il-proceduri kemm irid*", kull ma ghandha taghmel huwa li tavza lill-esponent li mhix sejra toggezzjona ghall-eccezzjoni tar-rikuza u huwa jinsab lest biex jerga' jiissollevaha, pero`, bil-kundizzjoni li Olive Gardens Investments Limited taderixxi ghat-talba ghall-bdil tal-Onorevoli Imhallef sedenti.

26. Fl-ahharnett, l-esponent jishaq illi l-irgulija tirrikjedi illi, ladarba d-diretturi ta' Olive Gardens Investments Limited jemmnu, kif stqarru, illi l-esponent "*qed jigi permess u mholli lilu jikkontrolla l-andament tal-kawza u b'hekk itawwal il-proceduri kemm*

*irid"*, liema naqqas serju huma qeghdin jattribwuh lill-Onorevoli Mhallef Anna Felice, huma ghandhom **minnufih** jissollevaw l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront taghha. Altrimenti, jekk dan huma ma jaghmluhx, ikun ifisser illi d-diretturi ghamlu din il-kawza odjerna biss biex jintralcjaw il-kawza 65/2017 kif ukoll biex jippruvaw jiehdu kemxa flus bhala taparsi "kumpens", liema kumpens zgur ma jixraqx li jithallas lil min abbuzivament u illegalment ha l-proprjeta` ta' haddiehor, u, li waqt li l-kwistjoni kienet qeghda tigi kontestata fil-Qorti, irrikorra ghal provi foloz u ghemil qarrieqi sabiex irnexxielu jikseb ir-revoka ta' sentenza gusta moghtija fl-ewwel istanza, liema revoka wasslet sahansitra ghall-bdil tal-pjanta li kienet annessa mal-kuntratt! *"Min ghandu widnejn biex jisma, ha jisma!"*

27. Illi l-esponent huwa lest li jersaq madwar mejda u jippretendi li taghmel l-istess il-kumpannija rikorrenti sabiex flimkien u b'mod pacifiku jezaminaw il-kaz ta' dawn l-artijiet "Tad-Dukkara" u "Ta' Mazza" fiz-Zurrieq, jezaminaw ir-ricerki u kuntratti antiki u jistabbilixxu l-verita` dwar ta' min hi l-proprjeta`, billi jigu eskluzi l-provi foloz. Jekk isir hekk, il-kontroversja tintemm, il-kontestazzjoni tispicca u jkun jista' jintlahaq ftehim fuq il-kwistjoni. Jekk il-kumpannija ma taccettax dan, allura m'ghandhiex ghalfejn tipprova twahhal fl-esponent ghax ikun it-tort taghha.

28. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Avukat tal-Istat li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan

ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

2. Illi l-kumpannija rikorrenti ghandha turi b'mod car b'liema mod u manjiera d-drittijiet fundamentali taghha gew allegatament miksura taht l-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u taht l-artikoli 6, 13 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

3. Illi mir-rikors promotur ma jirrizultax li l-kumpanija rikorrenti ma thallietx taghmel uzu mill-mezzi kollha li setghet tuza sabiex tissalvagwardja l-posizzjoni taghha. Il-fatt li decizjoni moghtija minn Qorti tmur kontra l-fehma tal-kumpannija rikorrenti, ma jfissirx li allura hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha;

4. Illi l-Qrati taghna dejjem jaghmlu l-almu taghhom sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuni li jidhru quddiemhom u ghalhekk l-allegazzjonijiet migjuba mill-kumpannija rikorrenti ma jistghux jigu accettati;

5. Illi minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi tehid forzuz u ghalhekk zgur li ma sehh l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

6. Illi jidher li r-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li l-intimat Farrugia qed jaghmel minn kollox biex, skont huma, itawwal il-proceduri sabiex jikkawza hsara massima lir-rikorrenti. Mhux sew li minhabba din ir-raguni l-Istat jaghmel tajjeb ghal allegati manuvri li qed isiru mill-intimat Annetto Farrugia. L-esponenti jenfasizzaw li jekk jigi ppruvat li l-intimat Farrugia qed jipprova jtawwal il-

proceduri, huwa l-istess intimat li ghandu jaghmel tajjeb u mhux l-esponent, u dan bil-ftuh ta' proceduri idonei sabiex ir-rikorrenti tiehu kumpens ghall-allegata hsara li allegatament qed jikkagunalha l-intimat Farrugia, u mhux permezz ta' tali proceduri kostituzzjonali specjali;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat ix-xiehda, affidavit, sentenzi, pjanti, ritratti, kuntratti, kopji legali ta' sentenzi bejn il-partijiet, kopji mill-process bir-rikors nru: 65/2017, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2020 Dr Carmelo Gatt ghall-intimat Annetto Farrugia talab li t-tielet eccezzjoni dwar jekk huwiex il-legittimu kontradittur jew le tigi sollevata u deciza minn din il-Qorti qabel li jittressqu l-provi u rat id-digriet moghti *seduta stante* fejn il-Qorti cahdet it-talba sabiex tinghata sentenza fuq eccezzjoni preliminari stante li din hija kawza kostituzzjonali ta' natura urgenti u tqis illi jekk tinghata sentenza preliminari jista' jservi biss sabiex jitwalu l-proceduri;

Rat ir-rikors tal-intimat Annetto Farrugia ntavolat nhar it-2 ta' Frar, 2021 a fol. 452 *et seq* tal-process fejn intalab li jigi mahtur John Charles Ellul bhala espert tal-Qorti sabiex jaghmel ezami forensiku u jezamina d-dokumenti msemmija fl-istess rikors, rat ir-risposta tas-socjeta' rikorrenti Olive Gardens Investments Limited intavolata nhar id-19 ta' Frar, 2021 a fol. 406 *et seq* tal-process, ir-risposta tal-Avukat tal-Istat intavolata nhar it-3 ta' Marzu, 2021 a fol. 408 tal-process u d-digriet ta' din il-Qorti moghti nhar l-4 ta' Marzu, 2021 fejn giet michuda t-talba;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' April, 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna titratta allegat ksur tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6, 13 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Is-socjeta' rikorrenti tishaq li d-drittijiet fundamentali taghha qed jigu lezi meta hija qed tigi mcahhda mill-jedd li jkollha d-drittijiet u obbligazzjonijiet civili taghha definiti u determinati minn Qorti ndipendenti u mparzjali fi zmien ragonevoli. Tishaq li l-intimat Annetto Farrugia qed jithalla jikkonduci l-litigazzjoni gia abbuziva istitwita minnu b'mod kompletament abbuziv, bil-konsegwenza li qed jigi permess lilu jikkontrolla l-andament tal-kawza billi jtawwal il-proceduri kemm irid sabiex jikkaguna hsara massima lis-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta' rikorrenti tishaq ukoll li l-fatt kif qed jithalla jagixxi l-intimat Annetto Farrugia jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha.

Illi da parti tal-intimat Annetto Farrugia fir-risposta tieghu ntavolata nhar il-15 ta' Ottubru, 2020 hu jsostni li bil-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti Olive Gardens Investments Limited qieghda tittenta tintrometti ruhha u tinterferixxi fil-kawza bir-rikors numru 65/2017 fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat

Generali et li ghadha ghaddejja u li tirregola l-andament tal-kawza 65/2017 b'din il-kawza odjerna. Isostni ghalhekk li t-talbiet ghandhom jigu michuda. Preliminarjament jeccepixxi li hu ma jistax jiddeciedi l-andament tal-kawza u ghalhekk ma jistax jivvjola l-jeddijiet fundamentali tal-kumpanija. Huma l-istituzzjonijiet u l-organi ta' l-Istat biss li jistghu jinzammu responsabbli ghal ksur tad-drittijiet fundamentali ghalhekk l-intimat jishaq li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' rikorrenti Olive Gardens Investments Limited stante li gie mharrek inutilment. L-intimat Annetto Farrugia sahaq ukoll li meta huwa pproceda bl-intavolar tal-kawza bir-rikors numru 65/2017 huwa kien qieghed jaghmel uzu minn jedd tieghu u qed jezercitah fil-jedd li jmiss li hu mehtieg ghall-harsien tad-drittijiet tieghu. L-intimat jghid li l-kawza 65/2017 haga wahda biss tehtieg u cioe' li tithalla timxi 'l quddiem minghajr ostruzzjoni bil-ghan li ma jressaqx provi fuq id-diversi fronti fejn sar l-ingann. Jeccepixxi li ghalkemm is-socjeta' rikorrenti ghandha jeddijiet fundamentali, zgur li ma tistax tbati ansjeta' u ghalhekk ma tistax tippretendi l-hlas lilha ta' kumpens non-pekunjarju ghal allegata 'hsara morali'. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-intimat jeccepixxi li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali li jiggustifika interferenza fi proceduri li hemm pendenti quddiem Qorti ohra. In oltre, ma jezisti l-ebda dritt fondamentali li jiggustifika li Qorti tordna t-twaqqif ta' kawza ohra li tkun qed tinstema' minn Imhallef iehor. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jeccepixxi li s-socjeta' rikorrenti ma tistax tivvanta li hija proprjetarja tar-raba' in kwistjoni dment li hemm ghaddejja kontra taghna azzjoni kostituzzjonali impunjattiva. Jsostni li huwa ma ressaq l-ebda hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jew mizura provvizorja b'dan li mhux qed jimpedih li jibni

kwalunkwe benefikati. Imbaghad dwar l-ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jeccepixxi li s-socjeta' rikorrenti ghandha rimedju ovvju u cioe' li thalli l-kawza 65/2017 tiehu l-kors taghha minghajr oggezzjonijiet eccessivi u minghajr ma tintralcja l-proceduri.

Illi min-naha tal-Avukat tal-Istat eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan ghar-ragunijiet elenkati u minghajr pregudizzju ghal xulxin. L-intimat Avukat tal-Istat sahaq li s-socjeta' rikorrenti ghandha turi b'mod car b'liema mod u manjiera d-drittijiet fundamentali taghha gew allegatament miksura. Eccepixxa ulterjorment li ma' jirrizultax li l-kumpanija rikorrenti ma thallietx taghmel uzu mill-mezzi kollha li setghet tuza sabiex tissalvagwardja l-pozizzjoni taghha. Il-fatt li decizjoni ta' Qorti tmur kontra l-fehma tas-socjeta' rikorrenti ma jfissirx li allura hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha. L-Avukat tal-Istat jsostni li l-Qrati dejjem jaghmlu l-almu taghhom sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuni li jidhru quddiemha u ghalhekk l-allegazzjonijiet migjuba ma jistghux jigu accettati. Jeccepixxi li minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi tehid forzuz u ghalhekk zgur li ma sehh l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Eccepixxa ulterjorment li s-socjeta' rikorrenti qieghda tilmenta mill-fatt li l-intimat Farrugia qed jaghmel minn kollox biex itawwal il-proceduri sabiex jikkawza hsara massima lis-socjeta' rikorrenti. L-intimat Avukat tal-Istat jsostni li mhux sew li minhabba allegati manuvri mill-intimat Annetto Farrugia jaghmel tajjeb l-Istat. Jekk jigi pruvat li l-intimat Farrugia qed jipprova jtawwal il-proceduri, huwa l-istess intimat li ghandu jaghmel tajjeb u mhux l-Istat u dan bi ftuh ta' proceduri idonji.

**<u>Eccezzjoni preliminari tal-intimat Annetto Farrugia – mhux legittimu kontraddittur:</u>**

Fl-eccezzjoni preliminari tieghu l-intimat Annetto Farrugia jeccepixxi li mhux il-legittimu kontraddittur stante li hu ma jiddecidix l-andament tal-kawza u ghalhekk ma jistax jivvjola l-jeddijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti. Jsostni li l-istituzzjonijiet u l-organi tal-Istat biss jistghu jinzammu responsabbli ghal ksur tad-drittijiet fundamentali ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre jsostni li huwa ma jistax jipprovdi rimedju jew riparazzjoni ghaliex huwa ma jirrapprezentax l-Istat.

Huwa accettat mill-gurisprudenza taghna illi f'kawzi ta' indole kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi ghandu jwiegeb ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali billi huwa l-Istat illi ghandu l-obbligu illi jassigura illi l-ligijiet ma joholqux zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Huwa wkoll l-obbligu tal-Istat li jassigura li l-istituzzjonijiet jiffunzjonaw sew bl-uzu tar-rizorsi kollha possibbli, u dan bil-ghan li d-drittijiet tal-persuna jigu salvagwardjati u ma jkunx hemm zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Fil-kawza odjerna, is-socjeta' rikorrenti qieghda tilmenta li gew ivvjolati l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 37 tal-Kosituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Is-socjeta' rikorrenti fost affarijiet ohra tallega li l-intimat Annetto Farrugia qieghed jithalla jikkonduci l-kaz u

jaghmel diversi maniggi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali bir-rikors numru 65/2017 AF fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et bil-ghan li l-kawza ma timxix tant li wara tlett (3) snin il-kawza ghadha differita ghall-provi ta' Annetto Farrugia fuq eccezzjoni preliminari. Dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-Artikoli msemmija.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-Istat ghandu jirrispondi f'kaz jekk jirrizulta li hu minnu li l-intimat Annetto Farrugia qieghed jaghmel l-imsemmija maniggi u dan stante li hija l-Qorti li ghandha tikkontrolla l-andament ta' kawza u tassigura li ma thallix li kawza tiggebbed b'finijiet u mhux fit-termini tal-procedura tal-Qrati ordinarji. Izda, mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni jaffettwaw lill-intimat Annetto Farrugia stante li fit-tieni talba s-socjeta' rikorrenti qieghda titlob mhux biss likwidazzjoni ta' kumpens ghall-hsara pekunjarja u ghall-hsara morali, izda wkoll ordnijiet u provvedimenti li l-Qorti jidhrilha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mis-socjeta' rikorrenti tieqaf u ma tibqax tigi perpetwata. Ghalhekk l-intimat Annetto Farrugia ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-mertu u l-ezitu tal-kawza jikkoncernaw lilu wkoll. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-intimat Annetto Farrugia ghandu jkun partecipi fil-kawza odjerna. Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-intimat Farrugia.

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti qieghda tilmenta li bil-ftuh tal-kawza 65/2017 fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat tal-Istat et id-drittijiet fundamentali taghha qeghdin jigu lezi b'dawn ikunu s-segwenti:

i. L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,

ii. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u,

iii. L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:**

Illi s-socjeta' rikorrenti tilmenta minn vjolazzjoni lampanti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta s-socjeta' rikorrenti qieghda tigi mcahhda milli jkollha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet civili taghha definiti u determinati minn Qorti ndipendenti u mparzjali fi zmien ragjonevoli. Skont is-socjeta' rikorrenti dan mhux biss ghaliex il-kwistjoni ta' min hu l-proprjetarju tal-fond ghadha tigi litigata fil-Qrati minkejja proceduri ta' hmistax-il (15) sena izda wkoll ghaliex il-kwistjoni ghadha tigi litigata minkejja li nghataw diversi decizjonijiet finali u sar kuntratt ta' transazzjoni. Issostni li l-kwistjoni magguri hija li l-intimat Annetto Farrugia qieghed jithalla jikkonduci l-litigazzjoni abbuziva istitwita minnu bir-rikors numru 65/2017 fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et b'tali mod li qieghed itawwal il-proceduri kemm irid sabiex jikkaguna hsara lir-rikorrenti.

Illi l-intimat Annetto Farrugia jeccepixxi li ma jezistix ksur tad-drittijiet fondamentali msemmija. Isostni li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali li jiggustifika interferenza fi proceduri pendenti minn Qorti ohra. Isostni wkoll li lanqas ma jezisti l-ebda dritt

fundamentali li jiggustifika li Qorti tordna t-twaqqif ta' kawza li qieghda tinstema' quddiem Qorti diversa. Jishaq li dak li hu garantit hu d-dritt ghal smigh xieraq u dan huwa dritt li mhux biss jappartjeni lis-socjeta' rikorrenti, pero' jappartjeni lilu wkoll bhala intimat.

Illi da parti tal-Avukat tal-Istat jeccepixxi li ma jirrizultax li s-socjeta' rikorrenti ma thallietx taghmel uzu mill-mezzi kollha li setghet taghmel sabiex tissalvagwardja l-posizzjoni taghha. Jghid li l-fatt li decizjoni tmur kontra l-fehma tas-socjeta' rikorrenti ma jfissirx li allura hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha.

Illi l-parti l-aktar ta' rilevanza tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghall-kaz odjern huwa s-sub-artikolu 2 illi jipprovdi s-segwenti:

> '(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mentri mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar ta' rilevanza ghall-kaz huwa s-sub-artikolu 1 illi jipprovdi s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-

sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieg, jew safejn ikun rigorozament meħtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.'

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li l-intimat Annetto Farrugia qed jithalla jikkonduci l-kaz fil-kawza bir-rikors numru 65/2017AF b'mod lesiv ghad-drittijiet fundamentali taghha principalment billi fost affarijiet ohra:

i. jressaq eccezzjonijiet ta' rikuza ghal darbtejn – biex tigi michuda darbtejn;

ii. iressaq kawza kostituzzjonali ohra biex jilmenta mic-cahda ta' l-eccezzjoni ta' rikuza;

iii. jitlob li jsir access fuq l-immobbli meta dan assolutament mhux rilevanti ghal mertu tal-kawza kostituzzjonali;

iv. jitlob addirittura li ssir referenza preliminari lill-Qorti Ewropea.

Tilmenta wkoll mill-fatt li l-kawza malgrad li ilha ghaddejja tlett (3) snin ghadha fl-istadju tal-provi tal-eccezzjoni preliminari fuq nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji.

Sabiex issahhah l-argument taghha, prattikament bhala provi tal-allegat ksur is-socjeta' rikorrenti tressaq estratti mill-atti tal-kawza Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et bir-rikors numru

65/2017AF li għadha pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali tagħha.

Jibda billi jiġi nnutat li s-socjeta' rikorrenti essenzjalment m'hijiex qiegħda tilmenta mill-Qorti *per se* pero' qiegħda tilmenta mill-attegjament tal-intimat Annetto Farrugia fil-kawza 65/2017AF, liema attegjament qiegħed jissarraf f'diversi rikorsi u proceduri li allegatament qegħdin isiru sabiex jitwal il-process inutilment.

Illi din il-Qorti fliet l-atti li gew esebiti u tqis li l-atti kollha li fuqhom qiegħda tilmenta s-socjeta' rikorrenti huma kollha atti li jigu ntavolati minn parti f'kawza. Il-Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq x'jagħmlu l-partijiet. Il-kontroll tal-Qorti jidhol fis-sehh biss meta l-atti jidhru quddiemha. Jkun f'dak l-istadju li l-Qorti trid tizgura li l-process jitmexxa fi zmien ragjonevoli u mingħajr dewmien ingustifikat.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li kull att li gie ntavolat fil-kawza 65/2017 mhux biss gie trattat fi zmien ragonevoli mill-Qorti, izda l-Qorti osservat ukoll il-principji kollha tal-gustizzja u dan billi l-intimati gew notifikati u mogħtija l-opportunita' li jirrispondu. Tant li l-procedura mxiet skont il-principji tal-Gustizzja u in konformita mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li s-socjeta' rikorrenti nfisha meta hasset il-bzonn appellat minn digrieti tal-Qorti, liema appelli gew decizi fi zmien ragonevoli. Huwa wkoll ovvju li l-Qorti ma tistax tevita certu termini u procedura li darba quddiemha jigu ntavolati diversi talbiet.

Din il-Qorti nnutat ukoll li l-Avukat tar-rikorrent Farrugia f'dik il-procedura ntavola numru konsiderevoli ta' talbiet għal differimenti, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti fin-numru tagħhom jmorru ben oltre dak li hu ragonevolment u accettabbli da parti

Avukat. Il-Qorti tfakkar lill-Avukat li huwa meqjus bhala ufficjal tal-Qorti u u ghalhekk jaf ben tajjeb x'inhuma l-obbligi tieghu u kif ghandu jmexxi b'mod gust kawza ghall-klijent tieghu u b'rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti minghajr ma jaghti lok ghall-abbuz palezi f'wicc kulhadd. Din il-Qorti rat izda li l-Onorabbli Qorti li qed tisma' l-kawza ma waqghetx ghal dawn ir-raggiri u kien hemm diversi drabi fejn cahdet it-talba ghal differiment.

Il-Qorti f'dan l-istadju rat li l-procedura kostituzzjonali in konstestazzjoni ghadha ma waslitx fi tmiemha, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-process kollu mill-bidu sa tmiem tieghu. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-bosta gurisprudenza kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll dik Ewropea li tishaq li, partikolarment dwar il-lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, li f'certu kazijiet jkun aktar f'loku li dawn jigu nvestigati mat-terminazzjoni tal-procedura in kwistjoni sabiex ikun hemm stampa shiha u jkun jista jigi analizzat il-bilanc tal-jeddijiet tal-partijiet f'dik il-procedura[1]. Il-Qorti ghalhekk in vista tas-suespost f'dan l-istadju ma tqisx li rrizulta ksur tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali.

**<u>Ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:</u>**

Illi s-socjeta' rikorrenti tilmenta wkoll minn ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Issostni li bil-mod kif qed

[1] Ara fost ohrajn id-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Carmel Camilleri -vs- Malta** deciza nhar is-16 ta' Marzu, 2000.

jithalla jagixxi l-intimat Annetto Farrugia fil-kawza 65/2017 AF fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et qieghed jikkawza wkoll ksur tad-drittijiet fondamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha.

Da parti tal-intimat Annetto Farrugia dwar dan l-allegat ksur jeccepixxi li s-socjeta' rikorrenti ma tistax tavvanta li hija l-proprjetarja tar-raba in kwistjoni dment li hemm ghaddejja kontra taghha azzjoni kostituzzjonali impunjattiva li fiha qed jitressqu provi ferm inkwetanti dwar inkwinament fil-kawza 418/2005. L-intimat Avukat tal-Istat jeccepixxi li minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi tehid forzuz u ghalhekk m'hemm l-ebda ksur.

Illi jibda billi jinghad b'referenza ghall-eccezzjoni tal-intimat Annetto Farrugia li l-Qorti odjerna mhux ser tidhol fil-mertu ta' kwistjonijiet ohra li qed jigu jew gew trattati minn Qrati diversi, kif jittenta jaghmel hu fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll prova f'diversi istanzi jaghmel fl-ambitu ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti.

Illi l-aktar parti ta' rilevanza tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitratta l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens jiddisponi illi:

> '(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.' (enfazi mizjuda mill-Qorti)

Illi mid-dicitura ta' dan il-provvediment kostituzzjonali jirrizulta car li l-ligi riedet li tinghata interpretazzjoni wiesgha ghall-oggett tat-tehid, li jista jkun kull 'interess' jew 'dritt' fi proprjeta' ta' kull xorta.

Illi mbaghad l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi fil-kawza 65/2017AF (a fol. 33 *et seq* tal-process) ir-rikorrenti Annetto Farrugia qieghed jitlob is-segwenti:

'(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti ma kellux smigh xieraq fil-proceduri civili li wasslu ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru 2014 u s-sentenza tat-28 ta' Gunju 2016, fil-kawza Rikors Guramentat Numru 418/2005 fl-ismijiet "*Olive Gardens Investments Limited (C16715) vs. Salvu, Annetto, John, Francis, Joseph, Carmen u Carmelo ahwa Farrugia b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007 gew kjamati in kawza Jane Mercieca u Mary Ann Sammut*", u billi l-imsemmija proceduri u sentenzi fi grad ta' appell kisru l-garanzija mahsuba fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, tiddikjara l-procedura fi grad ta' appell u z-zewg sentenzi invalidi, nulli u bla effett u konsegwentement thassarhom.

(2) Tiddikjara illi b'rizultat ta' l-imsemmija sentenzi, ir-rikorrent garrab ksur tad-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' privata kif imhares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu ttehditlu illegalment il-porzjoni indiviza tieghu mill-proprjeta` "Ta' Mazza", limiti taz-Zurrieq.

(3) Tiddikjara illi r-rikorrent sofra wkoll lezjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu huwa safa minghajr rimedju domestiku effettiv minkejja li ghamel talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell.

(4) Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent biex jaghmel tajjeb ghad-danni pekunjarji u materjali, danni non-pekunjarji u danni morali u l-ispejjez sofferti mir-rikorrent.'

Minn harsa lejn dawn it-talbiet u lejn il-premessi minn imkien ma jirrizulta li effettivament hemm it-tehid forzuz tal-proprjeta' tar-rikorrenti anzi jirrizulta li sal-lum is-socjeta' rikorrenti ghadha fil-pussess u t-tgawdija assoluta tal-proprjeta' in kwistjoni. L-intimat Annetto Farrugia mhux qed jitlob li jkun hemm it-tehid forzuz tal-proprjeta' pero' qed jitlob li l-proceduri msemmija u sentenzi jigu dikjarati invalidi, nulli u bla effett u l-Qorti thassarhom u dan fid-dawl li l-intimat Farrugia f'dawk il-proceduri jallega li ma nghatax smigh xieraq.

In oltre kif gia accennat, jirrizulta li l-art mertu tal-kawza odjerna qieghda f'idejn s-socjeta' attrici u l-izvilupp f'imsemmija art huwa ghaddej gmielu hekk kif jidher mir-ritratti a fol. 207 *et seq* tal-process. Irrizulta wkoll li l-eccezzjoni tal-intimat li fuq l-art in kwistjoni ma gie ntavolat l-ebda mandat ta' inibizzjoni bl-ebda mod ma giet kontestata mis-socjeta rikorrenti. Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti tifhem li dawn il-proceduri jistghu sa certu punt ixekklu lis-socjeta' rikorrenti milli jitrasferixxu l-proprjeta' lil terzi b'mod liberu sakemm jigu finalment decizi,  il-Qorti ma tqisx li din il-limitazzjoni rizultanti minn proceduri legali istitwiti mill-intimat hija wahda tant sproporzjonata li tekwivali ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghha fuq il-proprjeta' kif pretiz mis-socjeta' rikorrenti.  Il-Qorti ghalhekk ma ssibx f'dan ir-rigward ksur tal-

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

Illi da parti tal-Istat ukoll ma jirrizultax li kellu rwol f'xi tehid forzuz jew xi interferenza fit-tgawdija tar-rikorrenti tal-possedimenti taghha. Ghalhekk l-intimat Avukat tal-Istat ghandu ragun fil-hames eccezzjoni tieghu li jeccepixxi li ma jirrizultax li sar xi tehid forzuz.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali marbut mal-proprjeta'.

**<u>Ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:</u>**

Illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra kif isegwi:

> 'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'

Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea s-socjeta' rikorrenti prattikament ma tghid xejn tul il-kawza u lanqas taccenna ghal dan l-allegat ksur fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar l-10 ta' Mejju, 2021.

Dwar dan il-punt fis-sentenza **Angela sive Gina Balzan vs Avukat Generali** deciza fil- 31 ta' Jannar, 2019 illi:

'Dan allura jfisser li dak li jesigi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni huwa li l-Istat Malti jipprovdi mekkanizmu ta' rimedju effettiv sabiex persuna li thoss li d-drittijiet fundamentali taghha gew miksura jkollha l-mezz li tfittex ghal rimedju kif ukoll mekkanizmu li fejn jinstab li jkun hemm ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali, il-persuna leza tinghata rimedju effettiv. Il-Qorti ssib li dawn iz-zewg mekkanizmi gew imhaddma mill-Istat fil-kaz tal-lum. Infatti r-rikorrenti mhux biss setghet tiehu azzjoni dwar l-ilmenti kostituzzjonali taghha biex tfittex rimedju permezz ta' dawn il-proceduri stess izda, kif ser jinghad aktar il-quddiem, hija ser tkun qed tinghata rimedju fil-fehma tal-Qorti effettiv ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif deciz minn din il-Qorti. Ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti mhuwhiex ġustifikat'.

Fil-fehma tal-Qorti odjerna dawn il-proceduri huma fihom infushom rimedju effettiv ghall-ilment dwar id-drittijiet fundamentali li s-socjeta' rikorrenti qed tilmenta minnhom. Imbaghad jekk il-Qorti ssib jew ma ssibx ksur tad-drittijiet fundamentali hija kwistjoni ohra. Madanakollu xorta jibqa l-fatt li l-Istat Malti jipprovdi rimedju effettiv. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tichad din it-talba.

Illi fl-eccezzjoni 23 mqajjma mill-intimat Annetto Farrugia huwa jargumenta li r-rimedju li ghandha s-socjeta' rikorrenti huwa dak li thalli l-kawza 65/2017 tiehu l-kors taghha, minghajr oggezzjonijiet eccessivi u minghajr ma tintralcja l-proceduri. Fl-istess eccezzjoni l-intimat jaccenna ghall-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u jaghmel diversi allegazzjonijiet gratwiti minghajr l-anqas biss m'ghandhom x'jaqsmu mal-mertu

tal-kawza odjerna. Din il-Qorti tiddeplora l-atteggament u l-kummenti xejn xierqa fl-eccezzjonijiet tal-intimat Farrugia!

**Kunsiderazzjoni finali:**

Illi d-decizjoni odjerna tirrifletti l-istat ta' fatt bejn il-partijiet odjerni llum u mhux neccessarjament tibqa tghodd fil-mument li l-proceduri attakkati jigu finalment decizi partikolarment b'referenza ghall-allegat ksur tal-dritt fundamentali ghal smigh xieraq u l-lezjoni tad-dritt tal-proprjeta'. Ghalhekk il-partijiet kollha ghandhom jibqghu konxji li l-atteggjament taghhom f'dawk il-proceduri u l-mod kif tigi kondotta l-kawza, jista' dejjem jigi nvestigat permezz ta' proceduri bhala dawk odjerni ntavolati f'mument aktar opportun jekk xi hadd mill-partijiet iqis li jkun il-kaz. Il-partijiet kollha ghalhekk ghandhom jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex dawk il-proceduri jigu finalment decizi kemm jista' jkun malajr minghajr xkiel ingustifikat minnhom jew min minnhom.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Annetto Farrugia dwar il-legittimu kontradittur bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimat Annetto Farrugia sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz.

3. Tilqa′ it-tielet, ir-raba′ u l-hames eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tas-socjeta′ rikorrenti.

Fic-cirkustanzi kollha tal-kaz odjern u b′referenza partikolari ghall-atteggjament tal-intimat fil-kawza 65/2017 AF li wassal ghall-ftuh tar-rikors odjern, wara li l-Qorti odjerna wkoll esperjenzat it-tentattivi diversi tal-intimat sabiex itawwal ukoll il-proceduri odjerni, l-Qorti tqis li l-ispejjez tal-kaz odjern ghandhom jigu sopportati ghal dak li huma l-ispejjez tas-socjeta′ rikorrenti u tal-Avukat tal-Istat ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta′ rikorrenti filwaqt li l-intimat ibati l-ispejjez tieghu u l-ispejjez tal-partijiet kollha relatati mal-eccezzjoni tieghu dwar il-legittimu kontradittur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta′ Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta′ Lulju, 2021**